# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 2 ta' Novembru 2023**

**Rik. Nru.: 292/2018 JPG**
**Kawza Nru.: 27**

**JC**
**Vs**
**CP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JC (K.I. 283678M) datat 9 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti ma humiex mizzewgin.*

2. *Illi l-istess kontendenti kellhom relazzjoni, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri AC nhar id-X (Dok. A);*

3. *Illi fil-passat ricenti l-esponenti kien jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-minuri b'dana illi l-minuri kienet tmur ghand ommha l-intimata biex torqod biss.*

4. *Illi fil-prezent l-minuri qeda tirrisjedi ma' l-intimata CP li qieghda iccahhad lill-esponenti minn access u dan minghajr raguni valida;*

5. *Illi kien proprju l-esponenti u membri tal-familja tieghu li kienu jghinu lill-minuri fl-iskola u jappogjawha sabiex tizvilluppa talenti taghha u tattendi attivitajiet extra kurrikulari;*

6. *Illi minn meta l-intimata qatghet l-access lill-esponenti, l-minuri marret lura immens fl-iskola, li ghaliha dejjem tasal tard, u waqfitilha kull attivita extra kurrikulari;*

7. *Illi jinghad ukoll li l-intimata hija traskurata, irresponsabbli u ta' influwenza hazina fuq il-minuri u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

8. *Illi certament u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, l-intimata ma hijiex kapaci tiehu hsieb lill-minuri;*

9. *Illi r-rikorrenti qieghed ukoll permezz tal-prezenti stanza jitlob li huwa jinghata l-kura u kustodja legali tal-istess minuri;*

10. *Illi l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 9 ta' Ottubru, 2018 (Dok. B).*

11. *Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza.*

12. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun jogħġobha:-*

1. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri AC tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u dan fl-ahjar interess tal-minuri;*

2. *Tordna illi l-minuri tghix primarjament mar-rikorrenti;*

3. *Tiffissa, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi, ammont ta' flus bhala manteniment xieraq u adegwat ghall-ghajxien u bzonnijiet ta' kuljum,*

*inkluz, izda mhux biss, dawk edukattivi u dawk medici, tat-tifla minuri AC. Kif ukoll Tordna li tali manteniment ikun rivedibbli minn żmien għal żmien skond kif jiġi stabbilit minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha;*

4. *Tordna lill-intimata sabiex thallas il-manteniment u kull ammont iehor hekk ffissat; u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timpani;*

5. *Tordna illi kull beneficcju/ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri jkunu percepibbli esklussivament mir-rikorrenti;*

*Bl-ispejjez kollha, kontra l-intimata li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikat skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CP datata 28 ta' Novembru 2018, a fol 13, li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata ma taqbilx mal-ewwel talba li l-kura u l-kustodja tal-minuri AC tigi f'data esklussivament f'idejn ir-rikorrenti. Illi permezz ta' digriet ta' din il-Onorabbli Qorti, anness u mmarkat Dok A, wara illi din l-Qorti rat r-rapport tal-Avukat tat-ttfal, gie deciz sabiex l-access illi r-rikorrenti kellu minn mal-minuri jigi itterminat b'mod immedjat u dan ghall-interess suprem tal-minuri.*

2. *Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-tieni talba u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-minuri qiegheda tirrifjuta illi jkollha kuntatt ma missierha r-rikorrenti;*

3. *Dwar it-tielet talba, rigward manteniment, kif ukoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, ghall-minuri AC, l-intimata taqbel ma' din it-talba, b'dana illi dan il-manteniment kif ukoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jinnataw lill-intimata minn meta twieldet il-minuri sal-gurnata tal-lum u dan ghaliex ir-rikorrenti irrifjuta fil-passat u ghadu jirrifjuta illi jghaddi manteniment adegwat ghall-minuri AC.*

4. *Illi b'referenza ghr-raba' talba, l-intimata ma taqbilx illi ghandha thallas manteniment ghall-minuri AC u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, kienet l-intimata biss illi dejjem hallset ghall-bzonnijiet tal-minuri;*

5. *Illi ghar-rigward il-hames talba, l-intimata ma taqbilx illi kull beneficcju/ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri tkun percepibbli esklussivament mir-rikorrenti izda dan il-beneficcju/ghajnuna socjali ghandu jkun percepibbli esklussivament mill-intimata.*

   *Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi fil-ligi.*

   *Bl-ispejjez u bir-rikorrenti minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat l-atti kollha tal-kas;

.

**Ikkonsidrat:**

***L-attur xehed nhar id- 9 ta' Jannar 2019 (vide fol 42 et seq***) u spjega illi f'Settembru tas-sena 2008, huwa kien iltaqgha mal-intimata u flimkien bdew relazzjoni. Huma kienu ddecidew li jmorru jghixu flimkien u minn din ir-relazzjoni kellhom tifla, AC. Jixhed illi wara li twieldet il-minuri, bdew il-problemi minn naha tal-omm, u cioe certu negligenza. Jirrakonta illi lit-tarbija kienet tahsilha tard bil-lejl u hu kien joggezzjona fuq dan u minhabba f'hekk kienu jinqalghu hafna argumenti. L-intimata kienet ukoll tinsinwa illi hu ghandu wicc haddiehor, fost hafna aktar battibekki. Illi ghalhekk huwa kien iddecieda li jwaqqaf ir-relazzjoni, u li hu jzomm lit-tifla mieghu. Dan kien fis-sena 2010, u r-relazzjoni taghhom bdiet fis-sena 2008. Meta telaq mid-dar, il-minuri kellha ghaxar xhur. Dak iz-zmien l-intimata kienet qablet li jiehu lill-minuri mieghu peress li dak iz-zmien, iben l-intimata N, li jbaghti mill-awtizmu kelli agir aggressiv. Illi eventwalment l-intimata tilfet

il-kustodja tieghu. Dan it-tifel kellu erba' (4) snin meta twieldet AC, filwaqt li bintha l-ohra kellha tmien (8) snin.

Illi eventwalment kienu applikaw biex it-tifla tattendi *play school*, pero' l-intimata qatt ma kient taccetta ghajnuna, lanqas ghajnuna ta' logistika. Illi meta l-minuri imbaghad bdiet l-iskola primarja, l-intimata bdiet tfallilha mill-bidu nett b'diversi skuzi. Illi minhabba dan saru l-arrangamenti sabiex il-minuri tkun tista tuza t-trasport ghall-iskola, mill-Fgura ghall-Fgura. Fil-bidu, jispjega illi kienet l-omm li kienet tohrog lill-minuri ghall-van, illi imbaghad u peress li t-triq tal-intimata ma tinfidx, ix-xufier kien talabhom li johorgu bit-tifla fil-kantuniera. Fil-bidu kienet tohodha pero imbaghad kienet tibghatha wahedha. Dak iz-zmien il-minuri kienet ghada fl-ewwel sena tal-primarja u kellha madwar hames (5) snin. Illi eventwalment kien talab lil ohtu sabiex tigbor lit-tifla minghand l-omm u toqghod maghha ohtu tistenna lill-van fil-kantuniera. Illi pero' l-omm meta rat dan bdiet bil-piki, bdiet tohorg lill-minuri tard u kienu jitilfu t-trasport. Illi eventwalment ohtu spiccat twassal lit-tifla dirett l-iskola, u wara l-iskola, l-attur jew ohtu stess kienu jghinu lill-minuri bil-*homework*. Illi eventwalment il-minuri bdiet turi ix-xewqa li tattendi ghal xi attivitajiet extra-kurrikulari u kienu johduha darbtejn fil-gimgha, nhar ta' Erbgha kienet twassalha ohtu u s-sibt kien iwassalha hu. It-tifla kienet ghazlet li tibda tattendi d-drama u z-zfin, anke ghaliex il-minuri kienet tiehu pjacir tiltaqa' ma' tfal ohra bhalha. Illi wara ftit it-tifla ma xtaqitx tibqa' tmur id-drama. Illi l-minuri baqghet tizfen u fi zmien il-Karnival kien ikollha xi attivitajiet u *shows*, pero' t-tifla dejjem kienet ferhana.

Izid illi ohtu kienet tghinu bit-tifla meta huwa kien ikun xoghol, u filghaxija hu kien jirritornaha lura ghand l-omm mahsulha u kienet anke tkun kielet. Darba minnhom l-omm kienet uriet ix-xewqa li tibda twassalha hi l-Muzew, u l-ewwel darba li kellha twassalha l-omm, hu kien mar vicin id-dar tal-intimata, u kien biss fis-sitta neqsin kwart li harget bint l-intimata l-kbira bil-minuri ghall-Muzew, meta l-Muzew kien jibda fil-hamsa u nofs. Dak iz-zmien bintha l-kbira kellha erbatax(14) – il sena. Illi meta ra hekk, l-attur kien qal lill-intimata illi ser jiehu hsieb iwassalha hu jew membri tal-familja tieghu. Illi fil-*weekend* hu kien johrog lit-tifla, kienu johorgu jieklu, jew imorru f'xi bandli, u mhux bhala ma kien jigri meta l-minuri kienet tkun ma' ommha, fejn kienet tispicca tahli l-hin fuq il-*media* socjali. Illi filfatt l-attur jispjega illi tul dawn l-ahhar ghaxar xhur, il-minuri spiccat b'account fuq *Instagram*, u fuq *Musically*, minkejja li l-minuri ghadha taht it-tlettax (13) – il sena. Illi filfatt il-minuri spiccat titkellem ma' adulti li ma tafhomx u filfatt kien anke

mar ghamel rapport mac-*Cyber Crime Unit*. Izid illi inkwetanti huwa ukoll il-fatt li l-minuri qieghda torqod fil-kamra ma' ohtha l-kbira li llum ghandha sbatax(17) – il sena u ttella' ritratti bil-ilbies provokanti fuq il-*media* socjali.

Jispjega ukoll illi recentement kien ircieva telefonata mill-Isptar rigward appuntament mad-dentist, illi pero huwa ma jistax jikkomunika mal-intimata ghaliex meta prova ikellimha din kienet harget barra tghajjat, it-tifla meta tarah barra, ma tkellmux u ghalhekk ma jistax jinfurmaha bl-appuntament. Izid illi prova jcempel pero gie *blocked* anke mill-*facebook messenger*. Illi sahansitra baghtilha l-karta tal-appuntament bil-posta registrata izda din giet rifjutata.

***L-attur esebixxa ukoll affidavit (vide fol 55 et seq)*** zied jghid illi sar jaf lill-intimata wara l-mewt ta' zewgha NA meta bintha l-kbira, K, kienet tirrisjedi mal-missier. Wara li gie nieqes il-missier, K, marret tghix lura mal-omm. N wild l-intimata ttiehed mill-kustodja tal-intimata permezz ta' *Care Order* meta kellu ghaxar snin.

Jispjega illi sa mit-twelid, kien hu li dejjem ha hsieb il-bzonnijiet kollha tal-minuri finanzjarjament. Izid illi l-intimata qatt ma hadet wisq hsieb l-edukazzjoni ta' uliedha, inkluz dik ta' AC, u ohtu kienet sahansitra tibqa' mal-minuri fil-karozza tghinha jaghmlu l-*homework*. Illi wara t-twelid ta' AC, l-intimata kellha tifla ohra, izda ma kienitx baqghet f'relazzjoni ma' missier it-tarbija. L-attur jishaq illi fis-sajf kien ihalsilha *summer school* differenti kull sena sabiex jevita li l-minuri taghmel sajf shih bilqeghda fuq is-sufan. Illi filfatt jispjega illi id-decisjonijiet dwar l-edukazzjoni tal-minuri kien johodhom hu, ghaliex l-intimata qatt ma wriet interess, u kien isir hekk ilghaliex  kien ihallas kollox hu. Jispjega illi l-minuri kienet ukoll infurmathom illi ma kienitx tinhasel ghand ommha, u filfatt wara t-tieni darba li din grat, il-minuri kienet tinhasel ghand l-attur qabel johduha lura d-dar. Izid illi hu kien jiehu hsieb johodha ghand *optician* u anke ghad-*Dentist, checks ups* li waqfu jsiru kemm ilu li waqfitlu l-access l-intimata.

Sa April tas-sena 2017, hu kien ihallas kollox ghat-tifla, u kien anke baqa' jhallas manteniment ta' EUR 75 kull hmistax lill-omm, pero f'April imbaghad kien waqaf il-manteniment peress li hu baqa jhallas kollox, filwaqt li l-intimata kienet tiehu c-*childrens allowance*. Illi minkejja li hu dejjem irsista sabiex il-minuri tavvanza, l-intimata kienet dejjem tipprova taqla l-inkwiet billi iggieghel lill-minuri taghmel rapporti foloz kontra l-

familjari tal-attur.

Illi sussegwentement ghall-habta ta’ Frar tas-sena 2018, inqatghalu l-access minghajr raguni valida, u mill-25 ta’ Frar 2018, l-attur ma rahiex iktar lill-minuri, u dana wara telefonata li kien ircieva minghand it-tifla fejn kienet qaltlu li ma tridx tigi mieghu. Illi minkejja dan, huwa xorta wahda baqa’ jmur ghaiha, izda l-minuri qatt ma regghet marret ghall-access u sahansitra anke mar l-iskola ikellimha. Jispjega illi l-minuri inbidlet mill-lejl ghan-nhar, illi sahansitra baqa’ jibghatilha l-kartolini u dawna dejjem gew rifjutati.

Jirrileva illi huwa jixtieq li jkollu l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri ghaliex l-intimata mhijiex il-persuna idonja biex trabbi lill-AC, u mhijiex kapaci tassisti lill-minuri fil-bzonnijiet emozzjonali, edukattivi u socjali taghha. Kemm ilu minghajr access il-minuri qieghda tfalli l-iskola bla bzonn, tfalli l-muzew, u anke waqfet milli tattendi ghall-attivitajiet extra-kurrikulari.

***Ri-prodott nhar is- 7 ta’ Frar 2019 (vide fol 234 et seq)*** isemmi episodju iehor fejn minkejja li l-omm kienet qaltlu li ser tiehu hsieb hi biex taghmel nuccali lill-minuri, izda haditha tard ghall-appuntament u spicca kellu jaghmel appuntament iehor l-attur. Jispjega illi lanqas fejn tidhol is-sahha tal-minuri ma jistax jafdaha lill-omm. Illi minn naha tal-iskola s-Surmast gibidlu l-attenzjoni illi l-minuri qieghda tkun ta’ spiss tard ghall-iskola, tant li t-tifla qieghda tasal wara d-disgha ta’ filghodu l-iskola. Illi hemm ukoll sensiela ta’ *absentees*, u ghalkemm hemm diversi *absentees* minhabba *medical reasons*, hemm granet ohra li mhumiex gustifikati. Jishaq illi l-omm qieghda tafda hafna fuq oht il-minuri, K. Jispjega illi familjari tieghu jaraw lill-K tiela’ kuljum bil-minuri AC l-iskola. Peress li l-K bil-lejl ma torqodx, ghaliex tkun qieghda attiva fuq il-*media* socjali sas-sieghat bikrin ta’ filghodu, qieghda tispicca tiehu lill-minuri tard ghall-iskola meta l-omm tirrisjedi biss ghaxar minuti mixi ‘l boghod mill-iskola.

Jixhed ukoll fuq is-sensiela ta’ rapporti li saru mill-omm kull darba li familjari tal-attur pruvaw javvicinaw lill-minuri AC biex ikellmuha. Fix-xhieda tieghu l-attur isemmi li sar rapport kontra missieru, u cioe in-nannu patern tal-minuri meta kienu iltaqghu f’*convience store*, lil hu l-attur, meta kien kellem lill-minuri fejn il-Muzew. Jispjega illi biex jara lill-minuri qieghed ikollu jmur jaraha l-iskola fl-ufficju tas-Surmast, illi pero’ jispjega illi meta mar l-ahhar darba, il-minuri kienet mahkuma minn certu biza u ma kienitx ferhana bhas-

soltu u ghalhekk iddecieda li ma jibqax imur jaraha l-iskola.

***Georgina Casha, Superjura tal-Muzew il-Fgura, xehdet nahr l-1 ta' Lulju 2019 (vide fol 339 et seq)*** u pprezentat dokument li jindika l-attendenza tal-minuri ghas-sena 2018 u 2019. Spjegat illi l-attendenza ghas-sena 2018 kienet 75% u dik ghas-sena 2019 kienet 70%.

***Carmen Mercieca, xehdet nhar l-1 ta' Lulju 2019 (vide fol 346)*** u spjegat li hi kienet tghallem lil AC fil-year 4 u fil-year 5, u li dan l-ahhar kienet qieghda tinnota li l-minuri kienet iktar kwieta mis-soltu. Hi kienet tistaqsiha jekk hux kollox sewwa jew jekk ghandhix bzonn xi haga, pero' t-tifla qatt ma qaltilha xejn. Izzid illi mhux soltu tkun tard ghal Muzew.

***Stephanie Galea, Social Worker fi hdan l-Agenzija Appogg u ssegwi lil N Azzopardi xehdet nhar l-1 ta' Lulju 2019 (vide fol 348)*** u spjegat illi ssegwi lil N peress li huwa protett b'*Care Order*, pero' qatt ma kellha kuntatt ma' hutu. Spjegat illi minkejja li l-professjonisti kienu qieghdin ihargu lill-omm permezz ta' linji gwida sabiex tkun tista tghin ahjar lil N, l-omm ma kienitx timxi maghhom. Ix-xhud ikkonfermat li kien hemm bzonn iktar kura u attenzjoni ghal dan it-tifel, u liema kura ma kienitx qieghda tinghata mill-omm. Izzid illi l-minuri kien espost ukoll ghal certu argumenti li kienu qieghdin joholqu tensjoni u anzjeta fil-minuri, u anke kien hemm zmien fejn it-tifel kien tqieghed *f'voluntary care* f'residenza, izda l-omm ma kienitx qieghda tifhem ghalfejn il-minuri kien f'residenza. Illi eventwalment kienet nharget il-*Care Order*. Illi l-minuri jkollu access mal-omm u man-nanna materna matul il-gimgha, pero dan l-ahhar minn naha taghhom gibdu l-attenzjoni tal-omm ghaliex kienet qieghda twieghed lill-minuri li ser tattendi ghall-access, izda imbaghad ma titfaccax. Tispjega illi l-omm baqghet bl-istess ghemil ta' qabel ma harget il-*Care Order*. Illi l-minuri ghadu jigi espost ukoll ghal certu argumenti li qieghdin ihallu riperkussjonijiet fuq il-minuri anke meta jmur lura r-residenza. Kien hemm ukoll drabi fejn kienet twieghdu li ser icempilu, pero' imbaghad ma zzommx kelmtha. Illi kien hemm drabi li t-tifel tant ddeterjora li kien spicca l-*Young Peoples Unit (YPU).*[1]

Tispjega illi l-access ta' nhar ta' Sibt mhuwiex taht supervizjoni, b'dana illi n-nanna tkun responsabbli. Gie ssuggerit lill-omm li jkun hemm terapija kemm ghaliha, u anke ghal minuri, pero' l-omm ma kkommetitx ruhha li tattendi.

[1] Taht l-awspici tal-Isptar Monte Carmele.

***Steve Libreri, Manager ghas-Servizz tal-Protezzjoni tat-Tfal fi hdan ic-child Protection Services, xehed nhar l-1 ta' Lulju 2019 (vide fol 356 et seq)*** u spjega illi r-rapport kien sar minn Lawrence Cauchi, il-Haddiema Socjali li kien inkarigat mill-kaz u wara li kienet saret investigazzjoni u *assessment* kien irrizulta illi l-omm ma kienitx qieghda turi konsistenza u stabbilita' u anke kienet qieghda turi diskriminazzjoni versu N meta kkomparat mat-tfal l-ohra. Illi fir-rapport hemm indikat illi l-omm xtaqet li tigi ezentata mir-responsabbilita' tal-minuri, illi kemm jista' jkun ma jkunx hemm access, ma thallihx li jmur id-dar u kien hemm mumenti li anke talbet li l-minuri ma jirritornax lura d-dar wara li lesta program.

***L-intimata xehdet nhar il-11 ta' Marzu 2019 (vide fol 289 et seq)*** u spjegat illi kien biss l-ahhar erba' snin li l-attur beda jaghtiha manteniment. Illi mill-ewwel ta' April 2017, ma baqax jghaddi manteniment u issa ilu tlett snin ma jivversa manteniment. Xehdet illi hi qatt ma fethet proceduri ghaliex temmen li huwa l-missier li ghandu jiehu responsabbilita wahdu minghajr ma jghidlu hadd. L-intimata ghall-ewwel irrilevat illi ma tiftakarx jekk kienx jaghmel xirja *nappies* jew affarijiet ghat-trabi, pero sussegwentement tispjega illi gieli kien igibilha xi 3 pakketti *nappies*, u anki kaxxi tal-halib u dan kien jaghmlu darba fil-gimgha. Fir-rigward l-hwejjeg, spjegat illi l-attur kellu l-hwejjeg tieghu ghat-tarbija u hi kellha taghha. Rigward manteniment, tirrileva illi l-attur beda jghaddi manteniment fis-sena 2014 fl-ammont ta' EUR 75 kull hmistax u baqa jghaddi dan il-manteniment kull xahar sa l-ewwel ta' April tas-sena 2017. Tixhed illi l-flus kien jaghtihomla f'kontanti.

***Lorian Busuttil Naudi, Kap tal-Iskola San Tumas Moore Fgura Primary B xehdet nhar it-13 ta' Mejju 2019, (vide fol 295 et seq)*** u spjegat illi l-minuri bint il-partijiet hija studenta fl-iskola taghha fil-hames sena, u qieghda registrata fuq l-indirizz Y, u mill-Kinder dejjem kienet registrata fuq dana l-indirizz. Illi fis-sistema online, hemm indikat ukoll l-istess indirizz. Illi kellhom ukoll l-indirizz tal-missier. Ix-xhud tispjega illi l-minuri titwassal mill-omm, u kien hemm xi kazijiet fejn waslitha ohtha l-kbira li ghandha tmintax (18) – il sena. Il-minuri imbaghad tingabar mill-omm fil-maggoranza assoluta tal-kazi. Ix-xhud ikkonfermat illi f' din is-sena kien hemm 20 l-okkazzjoni li l-minuri waslet tard minn 134-il gurnata. Tispjega illi meta student jigi imnizzel li wasal tard, il-hin ikun qabez id-disa' neqsin kwart ta' filghodu.

Izzid illi l-ghalliema fir-rapport taghha indikat illi l-*attention span* tal-minuri hija baghtuta, u li qieghda ssibha difficli sabiex tiffokka. Gie rimarkat illi *r-reading, homework,* qatt ma

gie mimli u lanqas ffirmat mill-genitur. Mill-aspett akkademiku, il-minuri qieghda ftit taht *l-average*. Tixhed illi l-omm dejjem attendiet ghall-*parents' day* u anke *parents' evening, sports day* u anke *mother's day activity*.

Illi fir-rigward il-missier spjegat illi jiehu hafna interess u anke jaghmel *meetings personali* max-xhud u jattendi regolarment ghall-*parents' day.* Tishaq illi l-minuri hija tifla timida, u zzomm kollox go fiha. Ma turi xejn mal-ghalliema taghha. Pero' fil-*break* il-minuri tilghab mat-tfal l-ohra. Fir-rigward oht l-attur, ix-xhud tispjega illi hija taf illi ohtu kellha l-agir fl-aspett akkademiku tal-minuri, u kienet tghinha hafna lill-minuri.

***MC, oht l-attur xehdet nhar it- 8 ta' Novembru 2019, (vide fol 328 et seq)*** u spjegat illi kienet involuti fil-hajja tal-minuri sa minn qabel ma twieldet, ghaliex kienet tiehu interess tghin lil huha jipprepara ghal wasla tat-tarbija. Illi dak iz-zmien, l-intimata ukoll ma kinitx tiehu wisq interess fl-affarijiet bazici li kellhom jinxtraw. Qabel ma twieldet AC, ohtha K kellha seba' snin, u waqt li N kellu erba' snin, u dak il-perjodu kien l-aghar perjodu ghal N ghaliex kien frustrat. Illi l-lingwacc li kienet tuza l-intimata ma kienx wiehed pozittiv, K kienet tkun nieqsa mill-iskola ghal tliet xhur shah, ghaliex l-intimata kienet tghid li K ghandha l-problemi. Illi wara l-mewt tal-missier, kienu anke dahlu tal-Appogg u minkejja li kien gie suggerit u cioe' li K tattendi ghall-appuntamenti ma' Psikologista, l-intimata ma kienitx tohodha.

Tispjega illi saret taf li kienu hadulha lil N madwar sena wara meta l-intimata kienet cemplitilha biex issaqsiha ghalfejn ma baqghetx tircievi c-*childrens allowance* u *disability pension* ta' N. AC dak iz-zmien kellha tliet snin meta hadu lil N. Izzid illi N telaq mid-dar tal-omm la jaf jikteb u lanqas jaqra, u llum jirraprezenta l-iskola bhala **President tat-Tfal**. Illi dan il-kambjament fit-tifel sar fi zmien erba' snin; it-tifel tghallem jaqra, tghallem jistenna, jghid grazzi. Illi f'okkazzjoni minnhom anke fetah ceremonja fil-presenza tal-President ta' Malta.

Tixhed illi meta JC telaq minghand l-intimata, u gab lit-tifla mieghu ghand ommhom, l-attur kien jahsel lill-minuri fl-4:30 ta' wara nofsinhar hekk kif jigi lura mix-xoghol u mhux fil-ghaxija fit-tard kif kienet taghmel l-intimata. Sakemm il-minuri kienet tghix maghhom, kienet hi tigbor lill-minuri mill-iskola, kienu jaghmlu l-homework flimkien, imbaghad kienet tiekol, tistudja, u kienet tohodha l-Muzew. L-attur kien jigborha mill-Muzew u

imbaghad kienu jmorru lura d-dar biex tinhasel. Dak iz-zmien il-minuri kienet tigi s-seba' minn mija u ghoxrin student fil-year 4. Meta rega beda l-access, u x-xhud rat il-pitazzi tal-minuri m' gharfithomx u t-tifla kienet qaltilha, illi fl-ghajjat u l-istrobju ma tikkoncentrax.

Tishaq illi hi u l-familja taghha dejjem kienu lesti sabiex iwasslu lit-tifla kull fejn ikun hemm bzonn, pero' l-intimata qatt ma kienet taghti wisq kas lanqas is-sigurta' tal-minuri u kienet thalliha tohrog ghal vann wahedha ghal-iskola. Illi sal year 1, ix-xhud kienet tmur taghmel il-*homework* mal-minuri fuq l-ghatba tal-bieb t' ommha, pero imbaghad ma hallitiex tibqa' tmur hekk kif kellha t-tabrija l-ohra. Meta kienet tmur fil-hamsa, l-minuri kienet tkun ghadha bl-uniformi u ma kienitx tkun ghadha kielet.

***MC, ri-prodotta nhar l-10 ta' Jannar 2020 ( vide fol 350 et seq)*** spjegat illi kellhom inkwiet rigward l-igene tal-minuri, u dana wara li kien hemm diversi drabi fejn il-minuri kienet tghidilhom li ma kienitx tinhasel. Illi fir-rigward in-nuccali, l-intimata ukoll kienet baqghet titrattjeni biex taghmilha appuntament. Illi l-intimata qatt ma hadet hsieb tiehu lill-minuri ghand *hairdresser* u huma huma li jiehduha. Izzid illi ghalkemm l-access huwa nhar ta' tnejn u erbgha mill-hamsa u nofs sas-sebgha, u alternat il-*weekend,* l-intimata spiss iccempel lill-attur biex imur ghaliha, u biex izommha mieghu. Illi ta' sikwiet iccempilu kwarta qabel ma jkun irrid jirritornaha lura d-dar biex izommha mieghu ghal lejl. Izid illi ta' kuljum anke spiccaw iwasslu lit-tifla z-zghir MN. Tishaq illi l-manteniment mhuwiex jintefaq fuq il-minuri tant li l-intimata b'wiccha minn quddiem tghid quddiem huha li l-manteniment taghmel bih li trid. Illi fiflatt il-minuri spiss tkun libsa hwejjeg li jiguha zghar, anke tkun libsha kalzetti ta' ohtha z-zghira, jew imbaghad zraben kbar ezagerati. Illi l-omm lanqas tahsbilha ghall-*underwear* addattat.

***In kontro-ezami nhar l-4 ta' Lulju 2023, MC,*** ikkonfermat illi issa l-minuri li ghandha kwazi erbatax(14) – il sena, ilha tghix maghhom sentejn u huma dejjem idawru r-rota skond il-bzonnijiet tat-tifla li inbidlu miz-zmien li sar l-affidavit tax-xhud. Tikkonferma illi hi kienet involuta fil-hajja tal-minuri mit-twelied. Tishaq illi mill-familjari tal-intimata qatt ma raw xkiel. Spjegat illi hi kellha involvement daqshekk kbir fit-trobbija tal-minuri ghaliex meta kienet tara illi certu affarijiet mhumiex isiru mill-omm, kienet tintervjeni hi biex anke tghin lil huha li kien ikun ix-xoghol. Ix-xhud tishaq illi bejn l-ahwa huma dejjem ghenu lil xulxin, specjalment fejn tidhol il-minuri AC u qabel ma jittiehdu certu decisjonijiet jikkonsultaw ma' xulxin. Mistoqsija jekk jaghmlux komunikazzjoni mal-

omm, ix-xhud tirrileva illi hi, huha u l-familjari kollha gew *blocked* mill-intimata minn kull mezz.

Tispjega illi llum hafna mill-affarijiet jaghmilhom l-attur, u m'ghadux jigi bzonn l-ghajnuna tax-xhud u anke peress li l-minuri qieghda tirrisjedi mal-attur. Tixhed illi l-minuri ghandha *mobile* u huma ghandhom *controller apps* biex jikkontrollaw il-hin li l-minuri tqatta' fuq il-mobile. Spjegat illi l-minuri bdiet tirrisjedi ma' huha kemm ilu li sar rapport mac-*Child Protection* wara li l-minuri kienet infurmathom illi ma riditx li tmur lura ghand l-omm minhabba l-*partner* taghha. Illum il-minuri qieghda tghidilhom illi Ian mhux qieghed ikun id dar tal-omm. Ix-xhud tikkonferma illi kien hemm proceduri fil-konfront tal-attur minhabba allegata vjolenza domestika fuq il-minuri, illi pero' huha dejjem hareg liberat. Illi fil-prezent jonqos proceduri quddiem l-Magistrat Lanfranco fejn qieghed jigi allegat li l-attur qieghed iqajjem lill-minuri fl-erbgha ta' filghodu biex tahsel il-hwejjeg.

Ix-xhud tishaq illi l-minuri qieghda fl-aghar eta fejn tippretendi li taghmel li trid izda dan mhuwiex dejjem possibbli. Huha jzommilha certu dixxiplina, u huwa dan li qieghed idejjaq lill-minuri. Illi fix-xhur tas-Sajf il-minuri kienet registrata biex tibda *hair and beauty course* u filghodu gieli tkun mal-mara ta' huha jew man-nannan.

***Omm l-attur CC xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 358 et seq***) u spjegat illi lill-intimata kienet tafha minn qabel ma' binha beda johrog maghha, u certu diskors li kien isir mill-intimata ma kienx xieraq. Illi f'Settembru tas-sena 2008, binha beda r-relazzjoni tieghu mal-intimata u hi kienet avzatu li hemm zewgt itfal. Fi zmien il-Milied, kien infurmaha li l-intimata kienet tqila, u ix-xhud tghid li ma tistax tghid li ma hadthiex bi kbira meta zewgha cioe r-ragel tal-intimata kien ghadu kif gie nieqes f'April. Kif harget tqila, binha kien mar jghix maghha. Meta kienet tmur izzurhom id-dar tal-intimata, gieli kienet tinzerta lill-omm l-intimata u generalment kienu jkunu qieghdin jargumentaw. Illi ta' sikwiet kienet tismaghha tghid lill-intimata illi hija traskurata talli kienet ittellef appuntamenti ghand il-psikologa lil K. Illi CPlanqas ma kienet turi interess huma u jippreparaw l-affarijiet bazici ghal wasla ta' AC.

Meta twieldet il-minuri, huma kien jinkwietaw minhabba s-sigurta taghha, u dana peress li N ma kienx ghaddej minn zmien tajjeb dik il-habta. Illi pero' ghall-intimata kollox kien qishu xejn mhu xejn, u l-periklu ma kienitx tikkalkulah. Illi eventwalment binha temm ir-

relazzjoni tieghu minn mal-intimata u rritorna lura d-dar ghandha flimkien mal-minuri AC. Tispjega illi l-intimata qatt ma hadet hsieb l-igene tal-minuri, pero spiss kienet tigdem ilsienha u ma tghid xejn meta kienet tara dawn in-nuqqasijiet da parti tal-intimata bhala omm.

Illi hi u tikber il-minuri bdiet dejjem titghallem iktar u binha dejjem kien jiehu hsieb jara li t-tifla ghandha kollox lest bhala ikel, u li ma jonqosha xejn. Tispjega illi binha kien jaghmel minn kollox sabiex l-intimata ma jkollhiex skuzi biex tfallilha l-iskola, izda l-intimata xorta wahda kienet tibghat lit-tifla tistenna l-vann wahedha, u anke kienet tohrogha tard, tant li s-sena ta' wara bintha kienet tmur tistenna lill-minuri tohrog ghal van minghand ommha biex b'hekk kienu jkunu certi li l-minuri qieghda l-iskola. Wara l-iskola il-minuri kienet tmur ghandha, u kienet tiekol, taghmel il-*homework*, tinhasel u anke johduha l-muzew jew il-kant skond il-gurnata. Illi fi Frar tas-sena 2018, il-minuri ma baqghetx tithalla tmur iktar ghandha. Taghmel referenza ghal episodji fejn iltaqghu mal-minuri u kienu pruvaw ikellmuha, u l-intimata spiccat marret taghmilhom rapport l-ghassa. Nhar it-13 ta' Marzu 2019, rega beda l-access , u regghu bdew jaraw lill-minuri u l-minuri kienet qaltilha li iktar thobbha wara dak li gara. Illi binha kien pront ghamilha appuntament sabiex taqta' xaghara. Tispjega illi mhux l-ewwel darba li kienu ikollhom ibiddlu l-hwejjeg tat-tifla ghaliex dawn kienu jkunu zghar wisq jew imqattghin. Illi di piu, gieli anke baghtitha b'zarbun kbir ezagerat size 41 meta l-minuri tilbes size 37 jew 38. Illi l-lunch kien jaghmilulha binha, ghaliex l-ewwel darba il-minuri kellha *onion rings* moqlijin u keshin mill-*fridge* bhala *lunch*. Tixhed ukoll illi qed ikun hemm granet kontinwi fejn il-minuri qieghda torqod maghhom.

***In kontro-ezami nhar l-4 ta' Lulju 2023, (vide fol 614 et seq)*** tikkonferma illi kienet haditha bi kbira meta binha kien qalilha li ghandu relazzjoni mal-intimata ghaliex, ix-xhud kienet intebhet illi l-intimata ma kienitx mara tal-affari taghha. Hi kienet twissih biex ma jghaggilx specjalment minhabba li kien ghadu kif gie nieqes ir-ragel tal-intimata. Tinsisti illi filwaqt li l-intimata kienet tiehu hsieb id-dehra taghha, kienet tonqos milli tiehu hsieb xaghar il-minuri, lanqas ma kienet taghti wisq x'kas xi tlibbes lill-minuri. Illi l-minuri kienet ukoll spiss tigi bil-guh minghand ommha, u anke minghajr ma kienet tkun inhaslet.

Tispjega illi t-tifla spiccat ghand ommha meta l-omm kienet marret u gabret lit-tifla mill-iskola, u kienu ghamlu sena u xahar ma jarawhiex. Illi l-minuri lanqas ma kienet

tkellimhom meta kienet tinzertahom.

Illi fil-prezent it-tifla qieghda tkun hafna max-xhud, anke peress li qieghda bil-vaganzi tas-sajf u qieghda tghix ma' missierha fid-dar tieghu. Tikkonferma illi binha ormai ilu xi sena li telaq mid-dar taghha u mar ghix fid-dar tieghu. Illi f'din id-dar it-tifla ghandha l-kamra taghha, bil-gwardraobba u dak kollu necessarju. Nhar ta' Erbgha u Gimgha, u anke l-Hadd tkun ghand ommha. Izzid illi ghandha ukoll kamra u cioe il-kamra li kienet taz-zijiet taghha.

Illi fir-rigward komunikazzjoni mal-omm, ix-xhud tispjega illi ma tantx jista' jkollok komunikazzjoni mal-intimata, anke peress li hija mara li biex idahhlek fl-inkwiet ma tridx wisq.

***MB, ex-partner tal-intimata, xehed nhar il-25 ta' Gunju 2020 (vide fol 390 et seq)*** u spjega illi hu kellu relazzjoni mal-intimata madwar sitt snin ilu. Fi zmien qasir, l-intimata kienet harget tqila, u llum ghandhom tifla flimkien. Illi kif kellha tliet xhur tqala beda l-inkwiet bejnithom. Jixhed illi l-intimata kienet tircievi diversi telefonati minghand rgiel ohra u filfatt ma kienux flimkien tul it-tqala. Izid illi huwa sar jaf li kellha lit-tifla tnax il-gurnata wara t-twelid taghha, u meta kien mar jaraha kien prova jerga jibni relazzjoni ghal gid tat-tifla, pero' kienet difficli. Jirrileva illi l-intimata ma tiehux hsieb lit-tfal, u ghalkemm hu ghamel erba' snin jghix maghha jipprova jkun ta' gwida ghaliha, kemm ghal bintu u kif ukoll ghat-tfal l-ohra, ma rnexxilux. Jixhed illi ormai ilhom madwar sena li m'ghadhomx flimkien. Jispjega illi sakemm kien ghadu jghix mal-intimata, K it-tifla l-kbira ma kienet taghmel xejn, la tahdem u lanqas tistudja, u d-dar kienet tqatta' l-hin taghha fuq *instagram* jew *facebook*. Izid illi N kien spicca taht *Care Order* wara madwar tliet xhur jew erba' xhur li huwa mar jghix maghha. Jispjega illi l-access ma N kien nhar ta' Erbgha gewwa z-Zejtun. Illi kien iwassalha hu, ghaliex inkella ma kienitx tmur tarah.

Rigward is-sitwazzjoni fid-dar, ix-xhud elabora illi l-intimata kienet negligenti kemm fejn jidhol il-hasil u l-igene personali tat-tfal, u anke tal-hwejjeg taghhom, l-ikel, xorb, skola u edukazzjoni. Illi generalment kienet tqabbad lil K, it-tifla l-kbira biex tahsel lil hutha, waqt li l-intimata kienet qieghda tpejjep is-sigaretti jew fuq *facebook*. Jikkonferma illi l-omm ma kienitx tahdem. Illi ta' sikwiet kienet taghmel ikel li ma jhobbux it-tfal u dan minkejja li t-tfal kienu jghidulha li ma jhobbux. Illi AC ma kienitx thobb il-kunserva, u xorta wahda

kienet taghmilha l-hobz bil-kunserva minkejja li kienet tghdilha kemm – il darba. Jishaq illi hin ghat-tfal ma kellhiex l-intimata, imma hin ghal *facebook* u ghas-sigaretti kellha, lanqas ghal *home work* ma kienet toqghod maghhom, u lanqas biss kienet ticckeja jekk sarx u filfatt kienet tmur MC oht JC toqghod ma’ AC u jaghmlu l-*homework* fuq it-tarag ta’ barra. Izid illi ma kienx hemm rutina flghaxija rigward hasil u irqad u mhux l-ewwel darba li kien jinduna li AC u K kienu jkunu ghadhom mqajma xi saghtejn ta’ filghodu.

Jispjega illi lill-attur sar jafu meta darba minnhom bintu u cioe MN, kienet qaltlu li l-intimata kienet hallithom wahedhom u kien ghamel kuntatt mal-attur sabiex jara jekk bintu u cioe AC kienitx qaltlu l-istess haga. Illi l-attur kien ikkonferma dan kollu u sahansitra kien qallu li kien ser jaghmel kuntatt mieghu u minn dakinhar hadmu dejjem id f’id ghal gid ta’ uliedhom, billi jinfurmaw lil xulxin b’dak kollu li jkunu jafu fuq it-tifla ta’ wiehed jew l-iehor. Illi filfatt iz-zghir ma tidhlox lura id-dar jekk ma jkunx hemm AC, u jzid illi jippreferi li t-tifla tkun ma’ AC milli mal-omm ghaliex AC tiehu hsiebha lil ohtha z-zghira.

Jixhed illi sakemm kienu ghadhom flimkien, l-intimata kien ikun mohhha biex ihallu lit-tifla ma’ xi hadd u jmorru *Gianpula* jew xi *disco,* izda dan qatt ma accettah ix-xhud. Illi filfatt spjega illi l-minuri fil-*weekend* dejjem mieghu tkun, ghaliex hekk il-minuri tkun iktar sigura u l-omm tkun tista tohrog. Izid illi fir-rigward hwejjeg, mhux l-ewwel darba li kellu jbiddel anke l-*underwear* ta’ bintu ghaliex kien ikunu kbar wisq.

***Ix-xhud prezenta ukoll affidavit (vide fol 416 et seq)*** u zied jixhed illi kien jargumenta kuljum mal-intimata minhabba l-fatt li sa flghaxija ma tkunx ghadha haslet lil MN li dak iz-zmien kienet ghadha tarbija ta’ ftit xhur. F’access ta’ saghtejn matul il-gimgha, huwa jahsel u anke jitma lit-tifla, u konvint li dan jaghmlu ukoll l-attur ghaliex bintu tghidlu li AC tigi tfuh minghand id-daddy taghha. Illi ta’ sikwiet l-intimata tghidlu biex iraqqad lill-minuri mieghu u dan juri illi l-intimata qatt ma zammitilhom rutina. Illi ghalkemm l-intimata tircievi EUR 1000 fix-xahar ghaliex hija armla, supplimenti peress li hija *single mother* u anke manteniment kemm minghandu u minghand l-attur, dawn il-flus ma jintefqux fuq l-minuri izda fuq il-kappricci taghha. Illi filfatt dan l-ahhar qatawlhom is-servizzi tad-dawl u ilma, u lanqas internet m’ghandhom.

Jixhed illi l-intimata qatt ma kellha l-interess tal-minuri, ir-riha ta’ sigaretti f’xaghar it-tfal hija ezempju wiehed, u n-nuqqas ta’ igene personali hija preokkupazzjoni kbira. Izid jixhed

illi l-intimata qatt ma kienet ta' ezempju ghat-tfal, u fis-sajf kienet anke tigri d-dar minghajr hwejjeg u dan minkejja li kien widdibha kemm il-darba. Jispjega illi K kemm il-darba tghid lil AC u lil MN illi li kieku mhemmx huma, hi marret tghix man-nanna. Jirrileva illi meta l-intimata ma kienitx qieghda thalli lill-AC tara lil missierha, il-minuri kienet inbidlet u qisha waqghet f'monotonija shiha.

***Bint l-intimata, K, xehdet nhar it- 2 ta' Novembru 2020, (vide fol 407 et seq)*** spjegat illi hi ghandha dsatax (19) – il-sena u fil-prezent qieghda tahdem f'supermarket. Illi qabel dan ix-xoghol kienet tahdem go fabbrika. Tikkonferma illi hi ma kienitx kompliet l-iskola u lanqas l-O'levels ma kienet ghamlet, ghaliex preferiet li ssib xoghol u tfaddal il- flus biex tixtri karozza. Illi meta ma kienitx qabdet tahdem kienet tghin lil ommha billi tahsel l-art, u issajjar.

Ix-xhud tispjega illi sa fejn taf hi, hi dejjem ghexet ma' ommha, hlief meta ghamlet xi zmien tghix fi Istitut meta kienet zghira. Mistoqsija jekk ghamlitx zmien tghix mal-missier, ix-xhud ma setghatx tiftakar jekk dan kien minnu jew le u li missierha miet meta kellha seba' snin. Tixhed illi bhalissa qieghed jghix maghhom IG, il-*partner* t'ommha, u kkonfermat illi meta jirrabja dan IG ikun goff bl-ilsien. Darba minnhom anke ghajjarha mignuna. Tixhed illi IG jghin lil AC bil-*home work*, u anke jaghtiha pariri ghall-futur. Izzid illi Ian jahdem bhala Security Baystreet u qabel kien Pulizija. Mistoqsija jekk Ian Grech kienx tkecca mill-korp tal-Pulizja minhabba frodi, ix-xhud tikkonferma dan. Tishaq illi Ian ma jghajjatx ma' AC, u li m'ghandux ghalfejn jghajjat maghha. Tikkonferma illi bhalissa qieghda tkun ukoll ghand in-nanna biex tghinha minhabba li ghandha slip disk u anke arthritis. Ix-xhud tishaq illi AC ma tkunx ferhana li tmur ghand missierha minhabba zijitha, u tishaq illi darba minnhom qabditha taghti lil AC go wiccha ghaliex ma bdietx taghmel il-*homework* kif suppost. Tikkonferma illi hi kienet qalet lil ommha b'dan.

Ix-xhud tixhed illi ommha tmur tara lil N kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar bejn is-siegha u s-saghtejn u daqqa jwassalha l-*partner* taghha u daqqa tmur b'tal-linja. Tikkonferma illi kemm JC u kif ukoll MB kienu johduha biex tara lil N.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud tiftakar illi r-relazzjoni ta' ommha ma' MB damet madwar hames snin jew sitta.

***Lawrence Cachia, Haddiem Socjali li kien involut fil-kaz ta' N, xehed permezz ta' affidavit (vide fol 425A et seq***) u spjega illi f' Lulju tas-sena 2014, is-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal kien ircieva rapport minghand l-Agenzija Sapport, fejn gie allegat li l-minuri N mhux qieghed ikollu stabbilita fid-dar u li l-omm qieghda thedded lill-minuri li ser tibghatu l-YPU. Illi qabel inhareg il-*Care Order*, il-minuri kien dahal fil-programm KID's bl-ghan li titranga l-imgieba tieghu u eventwalment jirritorna lura d-dar pero meta l-minuri kien qieghed ikollu l-access id-dar, in-nuqqas ta' involvement tal-omm kien qieghed jigi osservat, u kien hemm drabi fejn l-omm kienet iccempel u tghidilhom illi ma tridx li N imur id-dar fil-*weekend* minhabba l-imgieba tieghu. Kienet anke ma zzommx mal-*Care Plan* tal-minuri, u kienet taqbad u ggib lit-tifel f'hinijiet differenti min dak li kien mifthiem. Jispjega illi l-*Care Order* kienet inharget ghaliex l-omm naqset mill toffri struttura u konsistenza lill-minuri, kemm fil-kliem u kif ukoll fl-azzjonijiet taghha, nuqqas ta' kooperazzjoni mal-professjonisti, u filfatt kemm il-darba falliet appuntamenti. Izid illi l-omm kienet tpoggi l-interessi tal-kumplament tal-familja u ma taghtix kaz dawk ta' N. Dan in-nuqqas ta' attenzjoni wasal biex tkompli tissahhah rabja fil-minuri N. Jishaq illi l-minuri qatt ma gie accettat u mahbub bil-kundizzjoni tieghu. Waqt laqgha li saret fis- 6 ta' Mejju 2016, l-omm kienet stqarret illi ma tridx li N imur lura id-dar wara li jittermina l-program, izda riedet li jmur jghix go residenza statali.

***Reuben Bonnici in rapprezentanza tal-ARMS xehed nhar l-1 ta' Frar 2021, (vide fol 438 et seq)*** u spjega illi fil-fond id-dawl inqata darbtejn fis-sena 2015 u fis-sena 2016. Fir-rigwrad l-ewwel qtugh kien hemm kontijiet pendenti u kien gie ffirmat ftehim mal-intimata, illi t-tieni darba rega' gie maqtugh ghaliex ma kienx qieghed jigi onorat l-ftehim li sar mal-intimata.

***Gail Kilmont, Social Worker fi hdan id-Direttorat tal-Protezzjoni tat-Tfal, xehdet nhar l-14 ta' Gunju 2021 (vide fol 496 et seq)*** u spjegat illi kienu rcievew rapport dwar modi ta' dixxiplina mhux adegwati mis-sieheb tal-intimata u li l-minuri AC ma kienx qieghed ikollha l-privatezza mehtiega f'darha. Illi kien hemm incident partikolari fejn il-*partner* tal-omm, kien dahal fuq il-minuri waqt li l-minuri kienet qieghda tinhasel. Illi inbeda *assessment* sabiex jigi verifikati dawn l-allegazzjonijiet, izda ma gie kkonfermat xejn dwar il-*partner*. Pero' li intuzaw metodi ta' dixxiplina mhux adegwati kienet kwazi kwazi verifikata. Izzid illi kien hemm incidenti fejn intuzat daqqiet b'id catta fuq l-id u l-ghonq meta xi hadd mit-tfal ma obdiex. L-omm ma kienitx qablet illi dan sehh. Il-minuri giet

mitkelma diversi drabi pero’ qatt ma wriet li l-*partner* tal-omm kien xi theddida ghaliha, ghalkemm t-tifla kkonfermat illi d-daqqiet ta harta saru anke fuq membri ohra tal-familja taghha.

***Ri-prodotta nhar is- 16 ta’Marzu 2022, Gail Kilmont (vide fol 565A)*** xehdet illi l-minuri tinsab kuntenta bir-rutina li ghandha bhalissa fejn qieghda tirrisjedi mal-missier, u jkollha access mal-omm tliet darbiet fil-gimgha. Illi ghalkemm gie suggerit li jkun hemm terapija sabiex jitjieb il-kwalita tal-access, u r-relazzjoni, l-ommha ma tatx il-kunsens taghha. Il-minuri tilmenta illi hafna mill-access l-omm tkun fuq il-mobile pero’ l-minuri ma tixtieqx li l-access mal-omm jitnaqqas. Illi dan ir-rapport li skatta l-investigazzjoni taghhom ma sarx mill-partijiet.

***Ri-prodotta nhar it- 2 ta’ Gunju 2022, Gail Kilmont (vide fol 511 et seq)*** u spjegat illi hi giet infurmata illi l-minuri qalet lill-omm li kien hemm xi incident fejn il-minuri bdiet tallega illi kien hemm xi maltrattament mill-missier. It-tifla bdiet tghid li kienu qieghdin iqajmuha fit-tlieta ta’ filghodu biex taghmel xi facendi, pero’ mill-*assessment* li sar kien hemm inkonsistenza fl-affarijiet. Max-xhud it-tifla qalet li t-tbengilha saret meta missierha imbuttaha fuq is-sodda fil-kamra tas-sodda, u mal-Pulizija u mas-*Social Workers* qalet verzjoni kemm xejn differenti. It-tifla ma kienitx komda meta kienu qieghdin jitkellmu fuq dawn l-affarijiet. Meta x-xhud regghet tkellmet mal-minuri l-iskola, it-tifla kienet anzjuza hafna u l-iktar haga li tkidda hija l-Qorti. Hija leali lejn iz-zewg genituri pero’ din l-ansjeta hija ta detriment kbir ghall-minuri. Il-konkluzjoni tal-professjonisti hija li m’hemm l-ebda abbuz, pero t-tifla qieghda tbiddel il-verzjoni sforz il-lealta taghha lejn iz-zewg genituri.

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud tishaq illi t-tifla kienet tkun taf bid-dati tas-seduti tal-Qorti u l-fatt li ma tafx x’ser jigri tohloq anzjeta fiha. Ix-xhud spjegat illi hija l-*partner* tal-papa li qieghda tqajjima kmieni, u li anke tghajjarha hoxna. Izid illi l-minuri ma kienitx konsistenti *fit-time frame* ta’ meta grat it-tbengila, u anke f’dak li tixtieq hi m’ghadhiex tkun konsistenti. L-iskola innutaw li l-minuri qieghda tkun distratta u anke torqod fuq il-bank tal-iskola, meta suppost qieghda tiffoka fuq l-ezamijiet. Tispjega illi meta ghamlet l-ewwel gimgha mal-omm, ma marritx skola ghaliex l-omm kienet qieghda tinwkieta li l-parti l-ohra ser johduha mill-iskola. Mill-iskola qalulha li raw bidla fil-minuri tul dawn l-ahhar hmistax pero t-tifla ma tkellmitx mal-Guidance Counsellor dwar x’inhu jigri. Mistoqsija ghalfejn il-minuri qieghda tghid li tixtieq tmur mal-omm issa, ix-xhud indikat illi l-minuri

qaltilha li l-omm m ghadhiex tpejjep gewwa u qieghda tpejjep biss fil-bitha, illi ukoll il-hin tal-access qieghed jintuza b'mod tajjeb u m'ghadhomx imorru fejn il-hbieb tal-omm.

In ***ri-ezami,*** ix-xhud tikkonferma illi qabel dan l-incident il-minuri kienet sejra tajjeb fil-hajja socjali taghha u dik akkademika, u wara l-incident it-tifla intliet bl-ansjeta u thawwad kollox.

In ***ri-ezami*** mid-difiza, ix-xhud spjegat illi ghalkemm il-minuri allegat li qed tithalla wahedha, maghhom ma spjegatx sew pero mal-Pulzija qalet li gieli tqum f'nofs ta' lejl u ma jkun hemm hadd. Meta saru surprise visits, qatt ma kien il-kaz li sabu lill-minuri wahedha pero qatt ma saru visits mal-lejl. Pero max-xhud dan ma hareg xejn minnu.

***JW, Kap tal-Iskola W, xehdet nhar it-28 ta'Novembru 2022, (vide fol 545A et seq)*** u spjegat illi l-attendenza tat-tifla hija wahda tajba, bl-*absententism without justification* kienu total ta' sitt ijiem. Illi f'dan il-perjodu kien hemm mil-covid u l-*online lessons* ma kienux obbligatorji. Xehdet illi l-omm kienet giet tkellimha darba, pero l-missier qatt ma kellimha pero kienu jafu li kien hemm xi inkwiet minn zmien il-primarja ghaliex huma jiehdu *feedback*. Fil-year 6 it-tifla ma marritx tajjeb u kienet fl-ahhar klassi anke fil-form 2, u anke bdew jaraw li l-koncentrazzjoni tal-minuri ma kienitx tajba. Illi meta ghamlet l-ezamijiet tal-Form 1, u cioe il-year 7, il-*global English mark* kienet 40, l-*integrated science* 45, Italian 65, u art 55. Fil-*practicals* it-tifla tmur ahjar. Il-*geography* gabitu 41. Illi l-istess fil-year 8.

Spjegat illi kienet ghamlet referral lic-*Child Protection*, meta l-minuri AC kienet qalet ma' habiba taghha illi l-*partner* tal-omm kien jiftah il-bieb meta hi kienet tkun fil-banju jew fis-*shower*. Din il-habiba kienet qalet lil ommha, u l-omm cemplet lix-xhud. Illi AC ma tkellmet xejn fuq dan mal-*guidance*, illi pero' il-*behaviour* kien dejjem sejjer lura. Illi imbaghad dahal l-Appogg.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud stqarret illi regress generali f'AC fil-Form 2, u bdietha mill-ewwel b'apatija kbira. Illi minn informazzjoni li ta il-Kap tal-Iskola fejn qieghda tattendi l-minuri, jidher li l-minuri AC giet eskluza mill-iskola ghaliex iggieldet.

***Gail Kilmont ri-prodotta nhar it-28 ta' Novembru 2022, (vide fol 545D et seq)*** u spjegat

illi mill-ahhar testimonjanza taghha saru visits anke surprise visits fid-dar tal-missier, u l-ambjent tad-dar deher tajjeb. Kienu saru allegazzjonijiet da parti tal-omm illi l-minuri qed tithalla wahedha, pero meta saret visita ghal-gharrieda filghodu kmieni, il-missier kien prezenti d-dar. Pruvat tmur tkellem lill-minuri l-iskola pero id-darbtejn kienet assenti, u xtaqet tkellem lill-minuri fid-dawl ta' allegazzjonijiet ta' abbuz fiziku da parti tal-missier. Filwaqt li l-minuri nnegat dak kollu li kien fir-rapport rigward il-*partner* tal-omm feggew allegazzjonijiet li l-missier qieghed jagixxi b'manjiera goffa.

In ***kontro-ezami,*** tikkonferma illi dan ir-rapport il-gdid dahal fil-15 ta' Ottubru 2022, u li sar waqt li t-tifla kienet qieghda l-iskola.

***JS, Guidance Teacher l-iskola tal-minuri, xehed nhar it-13 ta' Frar 2023, (vide fol 548 et seq)*** u spjega illi huwa kien kellem lill-minuri fit-12 ta' Ottubru 2022, u dana wara li l-omm talbithom li tigi mitkelma l-minuri biex tara jekk hux kollox sejjer sew. Meta tkellem mal-minuri ix-xhud spjega li ma kienx qieghed jistenna li l-minuri ser tghidlu certu diskors, u bdiet isemmi episodji ta' vjolenza mill-missier, u indikat li jkollha argumenti mal-missier, u xi imbuttatura, indikatlu ukoll xuftejha fejn kellha daqqa pero kienet iktar *lip sore.* Meta staqsiha kif ta din id-daqqa, l-minuri ma bdietx turih.

Ix-xhud spjega illi hu kellu s-sensazzjoni li meta gie avvicinat biex ikellem lill-minuri huwa ghaliex il-minuri kienet qieghda tkun *primed*, ghaliex meta staqsiha fuq l-argumenti, spjegat illi kellhom xi jghidu ghaliex damet taghmel xagharha bl-*istraightener*, u wadbilha xi hwejjeg. Staqsieha ukoll x'inhu jdejjaqha, il-minuri semmiet li l-mara tal-missier mhiex iggielha thossha komda d-dar u li l-affarijiet kollha l-ohra huma aktar skuzi biex ma ssemmix il-kagun veru u propju. Ix-xhud ihoss illi hemm id-diffikultajiet assocjati mat-*teenage years* u li hemm adulta estranea li ma tridhix d-dar xi haga li hassha hafna l-ahhar darba li tkellem mal-minuri. Spjega illi l-minuri qalghet *exclusion* minhabba li kienet tkun rrabjata, u il-*concern* akkademiku qieghed hemm ghaliex qieghda fil-klassi baghtuta. Meta ssugerilha li jghidu lil missier jigi l-iskola biex jitkellmu, it-tifla kienet skonvolta tant li kwazi bdiet tibki. Il-minuri bdiet tinsisti max-xhud illi quddiem in-nies missierha jaghmel bhal li kieku ghandu relazzjoni tajba maghha, pero ix-xhud jghid li jhoss certu inkonsistenza ghaliex ix-xhud kien ra ticcajta mal-missier.

Ix-xhud jirrileva illi huwa ma jkunx jaf jekk il-minuri kienitx mal-omm jew le meta kienet

tigi tkellmu, ghalkemm il-minuri semmiet xi haga fuq l-access mal-omm mieghu. Ix-xhud spjega illi huwa qieghed jiltaqgha mal-minuri kull gimghatejn. Ix xhud jishaq illi meta huwa jkellimha huwa ma jkunx qieghed jinterrogaha u jkellimha bhala *guidance teacher.*

***L-attur xehed in kontro-ezami nhar l -20 ta' April 2023, (vide fol 555 et seq)*** u kkonferma illi f'Settembru 2008 kien iltaqgha mal-intimata u bdew johorgu flimkien. Illi wara tlieta jew erba' xhur, harget tqila, u mar jghix maghha. Meta tterminaw ir-relazzjoni taghhom il-minuri kellha madwar disa' xhur u hu mar jghix m'ommu u ma' missieru, flimkien mal-minuri. Filghodu imbaghad meta hu kien johorg ghax-xoghol, ohtu kienet tiehu lill-minuri ghand ommha, u cioe ghand l-intimata. Jispjega illi l-minuri qatt ma kellha post fiss. Illi ghall-ewwel sitt xhur il-minuri kienet tghix mieghu u kienu jnizzluha mal-gurnata ghand l-omm u jerga jigborha wara x-xoghol. Jishaq illi fil-bidu ma kienx ihalli lill-minuri mal-ewwel mal-intimata omm minhabba N. Izid illi imbaghad N kien ikun l-iskola u ghalhekk ma kienx hemm lok ta' inkwiet, anke ghaliex dak iz-zmien huwa kien jispicca mix-xoghol fis-saghtejn u nofs.

Illi eventwalment it-tifla bdiet torqod biss ghand l-omm, ghaliex kif bdiet l-iskola, kienu l-attur u l-familjari tieghu li kienu jghinuha bil-*homework* u anke kienu jwassluha ghall-attivitajiet u kien meta kienet *year one* li bdiet torqod ghand l-omm.

***L-intimata xehdet nhar is- 6 ta' Lulju 2023, (vide fol 573 et seq)*** u spjegat illi kemm ilu li qabadha l-Covid, il-minuri baqghet tghix ma' missierha. Tishaq illi l-minuri ghexet maghha mit-twelied sa tliet snin. Izid illi omm u oht l-attur qatt ma kellhom pjacir biha u kien hemm hafna indhil da parti taghhom. Kif harget tqila l-attur mar jghix ghandha, u kienu damu inqas minn sena jghixu flimkien. Tixhed illi l-minuri qieghda tghidilha illi l-attur qieghed isawwatha, jghajjara, u jghajjar lill-intimata. Spjegat illi qabel ma kellhomx relazzjoni hazina, u dan qed jigri kemm ilu li zzewweg, tant li anke id-dar m'ghadux izommha nadifa u t-tifla qieghda tigi b'riha ta' umdu. Tishaq illi l-attur u l-minuri qieghdin jigu fl-idejn u issa ma tridx toqghod mieghu. Tirrileva illi m'ghadux jaghtiha manteniment. Tispjega illi meta attendiet ghall-*parents' day*, giet infurmata illi l-minuri mhiex sejra tajjeb, u l-hin kollu tohloq il-problemi l-iskola. L-omm tishaq illi dan huwa kollu minhabba l-istress tas-sitwazzjoni, xi haga li hija ukoll qieghda tinnota meta tigi lura d-dar. Izzid illi bhalissa kollox hi qieghda tixtrilha, u qieghda tixtrilha kull m'ghandha bzonn ghaliex missierha ma jridx itiha flus.

**L-intimata spjegat illi hadd mill-erbat itfal m'ghadu jghix maghha**, il-kbira K ghandha tnejn u ghoxrin sena u qieghda tghix ghand in-nanna, N qieghed taht il-*Care Order*, u MN qieghda tirrisjedi man-nanna paterna. Izzid illi oht l-attur u n-nanna qieghdin jaghmlu hafna pressjoni fuq AC u qieghdin jaghmlulha hafna nervi.

In ***kontro-ezami,*** tinsisti illi oht l-attur kienet tmur ghat-tifla biex twassalha sal-vann ghall-iskopijiet ta' mohha, pero' tikkonferma illi oht l-attur kienet taghmel il-*home work* maghha u li kemm oht l-attur u anke hi kienu jwassluha ghall-attivitajiet. Tishaq illi t-tifla marret tghix mal-attur sabiex ikun jista jwaqqaf il-manteniment. Hija cahdet dak kollu li ntqal fuqha bhala omm, u li fl-prezent l-attur mhux jaghtiha *pocket money* u meta hargu, jggielgha thallas hi. Izid illi missierha dejjem l-istess ikel isajjrilha bhala ghagin bil-pesto, *wraps* u iktar ghagin.

Mistoqsija tikkonferma illi minkejja d-diversi rapport li ghamlet, sahansitra gie mressaq il-Qorti, l-attur qatt ma nstab hati u li l-Magistrat kienet widbithom biex ma jaghmlux rapport foloz, l-intimata stqarret illi hi qatt ma ghamlet rapporti foloz, u li t-tifla qatt ma qaltilha tigdeb u tenniet illi hi ser tibqa' taghmilhom dawn ir-rapporti. Tinsisti illi missierha, in-nannna u iz-zija qieghdin iggielghu tigdeb fuqha. Tikkonferma illi ghalissa l-attur qatt ma nstab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attur missier fejn qieghed jitlob illi *inter alia* illi jigi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri AC, bi dritt ta' access ghall-omm, u illi l-intimata omm tigi ordnata thallas manteniment ghall-imsemmija minuri.

***Kura u l-kustodja tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [2] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru

[2] Enfazi tal-Qorti.

2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[3] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[4]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[5] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[6]

Fi kliem il-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[7]

---

[3] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[4] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[6] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u JC Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[7] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[8]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell** (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

[8] Enfazi tal-Qorti.

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[9] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Manteniment ghall-ulied*

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-***

[9] Enfazi tal-Qorti.

***pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom,***

***huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima brevi u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri AC fid- X. Il-Qorti tosserva illi meta nfethu l-proceduri odjerni il-minuri kellha madwar (X) snin u prezentement il-minuri ghandha (X)- il sena.

Mit-testimonjanzi in atti jirrizulta illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet giet terminata meta l-minuri AC kellha inqas minn sena. Illi minn dak iz-zmien l' hawn il-minuri qatt ma kellha residenza primarja fissa. Illi bejn is-sena u l-bidu tal-iskola primarja, il-minuri kienet tirrisjedi mal-missier fir-residenza tan-nanna paterna, b'dana illi kienet tkun mal-omm matul il-gurnata. Illi kif il-minuri bdiet tattenti l-iskola l-primarja, il-minuri kienet tqum u torqod ghand l-omm, u wara l-iskola kienet tittiehed ghand in-nanna paterna fejn kienet tiekol, taghmel il-*homework*, tinhasel u tittiehed il-varji attivitajiet jew il-Muzew. Illi dan l-arrangament baqa fis-sehh sakemm inghata digriet minn din il-Qorti kif diversament preseduta datat 7 ta' Frar 2018, fejn gie ordnat illi l-minuri ghandha tingabar mill-iskola kuljum mill-omm. Illi minn dakinhar 'l hawn, l-attur missier beda jigi mcahhad mill-access ma' bintu mill-omm. Illi sussegwentement, il-proceduri odjerni gew intavolati fid- 9 ta' Novembru 2018. **Jirrizulta illi l-attur u l-familja tieghu ma kellhomx access mall-minuri ghal perjodu ta' sena u xahar.**

Fil-mori tal-proceduri, din il-Qorti rat kif tifla grazzjuza tal-primarja, tifla li kienet tipprometti kemm fl-iskola, u anke fl-attivitajiet diversi li kienet tintraprendi tul is-snin, trasformat ruhha f'adolexxenti li qieghda tfalli l-ezamijiet tal-iskola, hija distratta u afflitta minn apatija shiha ghat-taghlim, tinsab fl-iktar klassi batuta, qieghda tohloq inkwiet shih l-iskola u sahansitra inghatat *exclusion* mill-iskola. Rat kif minn tifla li trid thallasha biex tkellmek, spiccat tiggieled u tigi meqjusa bhala boruza mill-ghalliema u l-*guidance teachers* taghha. Illi minghajr ombra ta' dubju, din il-metamophoris fil-minuri giet xprunata mis-sitwazzjoni familjari tal-minuri, sitwazzjoni mifnija ansjeta, fejn il-partijiet, flok ma gharfu illi din is-sitwazzjoni qieghda tohloq ansjeta' u biza konsiderevoli fil-minuri, tant li kif il-partijiet stess, raw lill-minuri tinbidel quddiem ghajnejhom, preferew li jibqghu jilletikaw quddiem din il-Qorti biex forsi fl-ahhar xi hadd minnhom jinghata xi forma ta' ragun. L-

ghan finali wara proceduri li jirrigwardaw il-kura u kustodja tal-minuri m'huwiex li l-Qorti tal-Familja bhala arbitru ccanfar lil xi genitur izda sabiex jigi assigurat il-benessere totali tal-minuri involuti u dana wara li r-relazzjoni bejn il-genituri tkun giet terminata. Illi tul il-mori din il-Qorti osservat illi l-benessere tal-minuri tigi mwarrba, b'dana illi l-provi kienu fil-maggiorparti taghhom iffokati fuq in-nuqqasijiet tal-intimata bhala omm, u lejn l-ahhar tal-istadju tal-provi, l-atteggjament tal-minuri u x-xewqat taghha, ftit li xejn inghataw konsiderazzjoni mill-partijiet, u kien propju ghalhekk li din il-Qorti dehrilha illi ghandha tkun hi li terga' tisma lill-minuri bint il-partijiet, anke peress li ormai hija adolexxenti u m'ghadhiex it-tifla zghira li din il-Qorti semghat in camera fil-bidu tal-proceduri.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-minuri ghandha bzonn terapija sabiex bl-ghajnuna ta' persuni professjonisti hija tigi meghjuna tipprocessa dak kollu li ghaddiet minnu tul tfulitha, u anke tigi meghjuna tipprocessa l-iktar zviluppi ricenti fil-hajja taghha. Din il-Qorti taghraf illi tul tfulitha kollha, din it-tifla **qatt** ma kellha residenza primarja, ghaliex minn zmien ghal zmien "id-dar taghha" kienet tinbidel billi f'perjodu partikolari tkun ir-residenza tan-nanna paterna, jew dik ta' ommha fejn kienet biss tqum u torqod, u kienet taqsam dan l-ispazju ma' ommha, hutha, mal-*partners* t' ommha u t-tfal tal-*partners* t'ommha, u recentement id-dar ta' missierha u martu. Illi huwa propju ghalhekk li din il-Qorti kif preseduta dejjem tishaq illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-minuri jkollhom residenza primarja fissa, spazju sigur li joffri sens ta' appartenenza, xi haga li din il-minuri dejjem giet mcahhda minnha.

***Kura u Kustodja***

Illi attwalment il-kura u l-kustodja tal-minuri ghadha wahda kongunta bejn il-partijiet, b'dana illi r-residenza primarja tal-minuri ilha minn Gunju tas-sena 2021 mal-missier. Illi din il-Qorti osservat ukoll illi filwaqt li fil-bidu ta-proceduri kienet evidenti li t-tifla kienet qieghda teccella fil-kura tal-missier u dan anke bl-ghajnuna tal-familjari tieghu, lejn l-ahhar tal-istadju tal-provi, din il-Qorti innutat bidla shiha fil-minuri specjalment fejn tidhol ir-relazzjoni taghha ma' missierha.

Illi din il-Qorti rat illi oht l-attur MC, u omm l-attur CC ggustifikaw dan il-komportament tal-minuri versu missierha bhala "ribelljoni" addoloxenzjali zghira, fejn il-minuri qieghda

tmur kontra d-dixxiplina li l-missier qieghed jipprova jezercita f'dina l-fazi. Illi jidher ukoll illi l-persistenza da parti ta' zijitha MC fuq l-aspett akkademiku u l-uzu tal-mobile qieghed ukoll idejjaq lill-minuri. Illi pero' din il-Qorti osservat illi mal-Haddiema Socjali Gail, ***(vide testimonjanza ta' Gail Kilmont tat-2 ta' Gunju 2022, fol 511 et seq)*** il-minuri esprimiet ix-xewqa li tmur ghand ommha, anke ghaliex l-omm m'ghadix tpejjep gewwa u qieghda tpejjep biss fil-bitha u anke peress li l-omm waqt il-hin tal-access qieghda tuza dan il-hin billi tqatta' hin mal-minuri, b'dana illi l-omm issa qieghda taghti certu importanza lill-minuri. Din il-Qorti taghraf illi l-minuri kienet istruwita biex tghid dak li qalet. **Illi din il-Qorti tissottolinea illi, kif xehdet l-intimata stess, hadd mit-tfal taghha m'ghadu jirrisjedi maghha.**

Illi ta' relevanza huma ukoll l-osservazzjonijiet maghmula mill-guidance teacher James Schembri, li xehed nhar it-13 ta' Frar 2023, (vide fol 548 et seq) fejn stqarr illi minn dak li percepixxa hu meta tkellem mal-minuri, huwa evidenti li hemm certu nuqqas ta' qbil bejn il-minuri u l-mara tal-missier, tant li l-minuri mhiex qieghda thossha komda fil-presenza tal-mara ta' missierha, u li din is-sitwazzjoni hija s-sitwazzjoni li qieghda tohloq disagu ghall-minuri. Bhal ma' xehdu il-professjonisti kollha l-ohra, din il-Qorti ma tqisx illi l-allegazzjonijiet kollha li saru fil-konfront tal-missier huma fondati pero' huwa evidenti illi z-zwieg tal-missier ma' din il-persuna, biddlet id-dinamika tar-relazzjoni tal-missier u l-bint. Illi filwaqt li mit-testimonjanzi tal-attur lejn il-bidu tal-proceduri kien palezi ghal din il-Qorti illi l-minuri kienet kollox ghall-attur u li hajtu kienet iddur mal-minuri, xi ftit jew wisq dan inbidel maz-zwieg tal-attur, u huwa evidenti li l-minuri mhiex entuzjasta bil-fatt li issa hemm mara ohra fil-hajja ta' missierha, specjalment meta m'hemmx rapport tajjeb bejniethom.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul ghar-rigward, u filwaqt illi mill-provi in atti huwa evidenti illi l-intimata omm ghad ghandha diversi nuqqasijiet fil-manjiera li biha tattenta il-kura ta' l-ulied. Dawn in-nuqqasijiet gew korroborati pjenament minn professjonisti oggettivi li tul is-snin kienu pruvaw jahdmu minghajr hafna success mal-intimata omm fuq dawn l-aspetti. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li gie espress mill-minuri mal-Haddiema Socjali u mal-Guidance Teacher. Illi kif ritenut iktar 'l fuq mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[10]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex*

[10] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".[11]***

Maghmula l-konsiderazzjonijiet sopra, din il-Qorti tordna illi fl-ahjar interess tal-minuri AC, l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet, albeit limitatament, b'dana illi decisjonijiet li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-attur missier wahdu, u dana minghajr il-firma, kunsens jew presenza tal-intimata. Illi din il-Qorti tordna illi l-intimata ghandha tkun infurmata mill-Awtoritajiet b'kull decisjoni. Illi din il-Qorti tissollecita lill-partijiet illi fl-ahjar interess ta' binthom ghandhom jitghalmu jikkomunikaw b'mod civilizzat, ghaliex il-batibekki inutli u r-rapporti foloz li qieghdin isiru fil-konfront ta' xulxin qieghdin biss jikkawzaw ansjeta konsiderevoli fil-minuri, li bhal dejjem qieghda tintuza biss bhala arma kontra l-genitur l-iehor. Illi dan kollu, maz-zmien jista' jkun ta' detriment sejru ghas-sahha mentali ta' AC.

Illi din il-Qorti tordna illi r-residenza primarja ghandha tibqa' mal-missier, b'dana illi ghandhom jizdiedu s-sieghat tal-access mal-omm, biex b'dan il-mod il-minuri jkollha ftit aktar hin mal-omm u dana fid-dawl tal-fatt illi jidher li l-omm qieghda tipprova tibni rapport aktar pozittiv mal-minuri AC, u anke tal-fatt illi f'din il-fazi tal-adoloxxenza l-figura u l-presenza ta' entrambi genituri hija importanti ghall-ulied.

Illi prezentement l-access mal-omm in forza ta' digriet moghti fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2021 huwa kif segwenti:

- Nhar ta' Erbgha u l-Gimgha mill-5:30pm sas 7:30pm; u
- Kull nhar ta' Hadd mit-3:00pm sas- 7:00pm.

Illi din il-Qorti u fid-dawl ta' dak kollu rilevat sejra temenda l-access kif segwenti:

- Nhar ta' Erbgha u Gimgha fejn tingabar mill-omm minn wara l-iskola sas 7:30pm'. Illi fis-7:30 il-minuri ghandha tingabar mill-missier mir-residenza tal-omm.

- Nhar ta' Hadd mill-10.00 a.m. sas-7.00 p.m. fejn ikun il-missier illi jiehu l-minuri fir-residenza tal-intimata fil-bidu tal-access u jkun il-missier li jigbor lill-minuri mid-

[11] Enfazi tal-Qorti.

dar ta' ommha fi tmiem tal-access.

***Manteniment:***

Illi tenut kont tal-granet tal-access din il-Qorti sejra tordna illi s-somma ta' EUR 200 kull xahar ghandhom jigu mnaqsa awtomatikament mill-beneficcji socjali percepti mill-intimata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali liema somma tinkludi sehem l-intimata mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri. Illi dana l-ammont ghandu jgholha kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Illi *di piu* din il-Qorti tordna illi c-Children's Allowance u/jew kwalsiasi beneficcju iehor li l-minuri tista' talvolta tkun intitolata ghalihom ghandhom jigu percepiti mill-missier.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tichad limitatament l-ewwel talba tal-attur u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet, b'dana illi decizjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-missier wahdu u dana minghajr il-firma u kunsens jew presenza tal-omm. Ghar-rigward ta' hrug, gbir u tigdid ta' passaport tal-minuri u s-safar tal-minuri dan ghandu jsir bil-firma u l-kunsens taz-zewg genituri;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri tkun mal-missier;**

3. **Tilqa' t-tielet u r-raba talba limitatament u tordna illi illi s-somma ta' EUR 200 kull xahar ghandhom jigu mnaqsa awtomatikament mill-beneficcji socjali percepti mill-intimata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali liema ammont jinkludi sehem l-intimata mill-ispejjes ta sahha u edukazzjoni tal-minuri. Illi dana l-ammont ghandu jgholha kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.**

4. **Tilqa' l-hames talba u tordna illi c-Children's Allowance u/jew kwalsiasi**

**beneficcju iehor li l-minuri tista' talvolta tkun intitolata ghalihom ghandhom jigu percepiti mill-missier.**

**Kull parti thallas l-ispejjes taghha.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**